

Brussell, 8 ta' Frar 2019
(OR. en)

5616/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0124(CNS)**

**FISC 60
ECOFIN 53
UD 23**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8780/18 + COR 1 - COM(2018) 261 final
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE rigward l-inklużjoni tal-muniċipalitá Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE – Adozzjoni

1. Fit-8 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE dwar l-inklużjoni tal-muniċipalitá Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE¹.
2. Il-muniċipalitá Taljana ta' Campione d'Italia (esklava Taljana fit-territorju tal-Iżvizzera) u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE² għall-finijiet tad-dazju tas-sisa peress li, fuq talba tal-Italja, dawk it-territorji ser jiġu inklużi fit-territorju doganali tal-Unjoni³ għax ir-raġunijiet storiċi li ġġustifikaw l-esklużjoni ta' dawk it-territorji, bħall-iżolament u l-iżvantaġġi ekonomiċi tagħhom, ma għadhomx japplikaw.

¹ Dok. 8780/18 + COR 1.

² Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

³ Ara l-fajl interistituzzjonali Nru 2018/0123(COD).

3. Madankollu, l-Italja tixtieq tħalli lil dawk it-territorji barra mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE⁴ għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud, għax dan hu essenzjali biex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn operaturi ekonomiċi stabbiliti fl-Iżvizzera u fil-muniċipalit Taljana ta' Campione d'Italia bl-applikazzjoni ta' sistema ta' tassazzjoni indiretta lokali f'konformit mas-sistema Żvizzera tat-taxxa fuq il-valur miżjud.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar din il-proposta leġislattiva fil-11 ta' Lulju 2018⁵, l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ingħatat fit-2 ta' Ottubru 2018.⁶
5. It-test li jirriżulta mid-diskussjonijiet fost id-delegazzjonijiet tal-Istati Membri li lkoll setgħu, fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa, jappoġġaw li d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/18/KE jiġu emendati kif meħtieġ, għe ppreżentat għal eżami mill-ġuristi-lingwisti. L-eżitu ta' din il-ħidma tinsab fid-dok. 14487/18 FISC 494 ECOFIN 1084 UD 289.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - jadotta, bħala punt "I/A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-**Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE rigward l-inklużjoni tal-muniċipalit Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE**, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti fid-dok. 14487/18 FISC 494 ECOFIN 1084 UD 289.

⁴ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

⁵ ĠU C 367, 10.10.2018, p. 117.

⁶ P8_TA(2018)0362.